

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 2016

**dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari
KKB, li jinsab fi Brunsbüttel, Schleswig-Holstein, il-Ġermanja**

(it-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2016/C 199/02)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt qed titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal kwal-lunkwe valutazzjoni oħra li trid titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li joħorġu minnu u minn leġiżlazzjoni sekondarja (¹).

Fit-28 ta' Awwissu 2015, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern ġermaniż, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom, Dejta Ġenerali rigward il-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv li jirriżulta miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari KKB.

Abbażi ta' din id-dejta u tal-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni fl-10 ta' Novembru 2015 u pprovduti mill-awtoritatiet ġermaniż fid-9 ta' Frar 2016, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn is-sit ta' Brunsbüttel u l-eqreb fruntiera ma' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ id-Danimarka, hija 100 km.
2. Fkundizzjonijiet ta' tħaddim normali, ir-rilaxx ta' effluwenti likwid u gassużi radjuattivi x'aktarx li ma jirriżultax fesponiment li jkun sinifikanti mil-lat tas-saħħa, għall-popolazzjoni ta' xi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-limiti tad-dożi stabbiliti fl-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza l-għodda (mogħtija fid-Direttiva 2013/59/Euratom).
3. Skart solidu radjuattiv jinħażen temporanjament fis-sit qabel ma jiġi ttrasportat lejn faċilitajiet liċenzjati ta' trattament jew ta' rimi li jinsabu fil-Ġermanja.

F'konformità mal-livelli ta' appovazzjoni, l-iskart solidu u l-fdalijiet materjali mhux radjuattivi, jiġu rilaxxati mill-kontroll regolatorju għar-rimi bħala skart konvenzjonali, għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Dan se jsir f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza l-għodda (mogħtija fid-Direttiva 2013/59/Euratom).

4. F'każ ta' ħruġ mhux ippjanat ta' effluwenti radjuattivi, li jista' jirriżulta minn xi aċċidenti tat-tip u tad-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li x'aktarx jilħqu lill-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor ma jkunux sinifikanti mil-lat tas-saħħa fir-rigward tal-livelli ta' referenza stabbiliti fl-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza l-għodda (mogħtija fid-Direttiva 2013/59/Euratom).

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implementazzjoni tal-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwal-lunkwe għamla, li joriġina miż-żarmar tal-impjant tal-enerġija nukleari Brunsbüttel KKB, li jinsab fi Schleswig-Holstein, il-Ġermanja, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrat fid-Dejta Ġenerali, x'aktarx li ma tirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lat tas-saħħa, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Istandards Bażiċi ta' Sikurezza l-għodda (id-Direttiva 2013/59/Euratom).

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Miguel ARIAS CAÑETE

Membru tal-Kummissjoni

(¹) Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali għandhom jiġu vvalutati aktar. B'mod indi-kattiv, il-Kummissjoni tixtieq tigħbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll id-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa u d-Direttiva 2000/60/KE li tis-tabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.